MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 505/2008

**Filomena mart Lawrence Rodo u Giuseppi ahwa Grech, u Lawrence Rodo u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 1980 l-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Carmen mart Lawrence Grima, Mario, Joan xebba u Margaret xebba ahwa Rodo, peress li fil-mori tal-kawza miet Lawrence Rodo.**

**-vs-**

**Carmelo u Francesca mart Giuseppe Pulis, ahwa Grech u b'digriet tas-16 ta' Jannar 2009 Grace Zammit, Antonia Spagnol, Maria Zammit, Salvina Spiteri, Doris Debono, Alfred Pulis, Joseph Pulis, Eugenio Pulis, Salvatore Pulis, Emmanuela Spagnol, Rita Grech, Daniela Mifsud, Annabelle Sciberras bint Carmel Pulis, ahwa Pulis, gew awtorizzati jassumu l-atti minflok ommhom Francesca Saveria Pulis li mietet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Filomena Rodo et presentat fis-16 ta' Mejju 2008 (*fol.1 et seq*) li jghid hekk:-

"Illi, b'Att ta' Citazzjoni ppresentat fil-1 ta' Jannar 1974, l-atturi Carmelo u Francesca mart Giuseppe Pulis, ahwa Grech, ippremettew illi meta missierhom Grazio Grech ittrasferixxa l-fond 125, Triq Santa Domenica, Zabbar, b'titolu ta' *datio in solutum* lill-konvenuti Lawrence u Filomena, konjugi Rodo kien irrenda b'dan il-mod ineffettiv it-testmenti *unica charta* tat-18 ta' Marzu 1966 fejn kienu ddisponew minn hwejjighom kif kien jidher fl-istess testament u nnominaw eredi lil-erba' uliedhom ahwa Grech u testment iehor tal-istess Grazio Grech, meta kien armel, tal-24 ta' Mejju 1968 (in atti Nutar Carmelo Lia) li bih kien immodifika parti mit-testment *unica charta* premess, in kwantu fihom legati tal-istess dar u dan il-kuntratt kien wiehed simulat;

Illi, l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti li (a) tillikwida l-assi socjali konjugali tal-konjugi Grazio u Mary Grace Grech, (b) taqsam l-assi hekk likwidati f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja kwantu ghal nofs lill-assi ta' Mary Grace Grech u kwantu ghan-nofs l-iehor lill-assi ta' Grazio Grech, (c) tillikwida l-assi partikolari ta' Mary Grace Grech li jigu dikjarati li jikkonsistu fis-sostanzi li jirrizultaw, (d) jigu likwidati l-assi partikolari ta' Grazio Grech li jigu dikjarati li jikkonsistu fis-sentenzi (*sic!*) li jirrizultaw, b'dan li fl-istess likwidazzjoni jigi dikjarat u deciz li l-fond 125/126 Triq Santa Domenica, Zabbar kien u baqa' tal-istess Grazio Grech in kwantu l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin tat-18 ta' Jannar 1970, li suppost itrasferixxa dan il-fond lill-konvenuti Rodo kien kuntratt simulat bhala *datio in solutum* mentri fil-fatt kienet donazzjoni projbita mil-ligi minhabba l-eta' tal-istess Grazio Grech, (e) taqsam l-assi ta' Mary Grace Grech kif likwidati bejn l-erba' eredi taghha, bit-tnaqqis jekk hemm bzonn ta' dawk id-dispozizzjonijiet tat-testment taghha li jaqbzu l-porzjon mhux disponibbli, (f) taqsam l-assi ta' Grazio Grech kif likwidati bejn l-erba' eredi tieghu bit-tnaqqis jekk hemm bzonn tad-dispozizzjonijiet fiz-zewg testmenti li jaqbzu s-

sehem li minnu l-istess Grazio Grech seta' jiddisponi, bin-nomina ta' Nutar biex jircievi l-att ta' divizjoni u ta' kuraturi biex jirraprezentaw l-kontumaci fuq l-att, u dan bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Illi, l-atturi pprezentaw it-testmenti suriferiti flimkien mac-Citazzjoni taghhom filwaqt li l-kuntratt ta' trasferiment iffirmat fit-18 ta' Jannar 1970 (in atti Nutar Maurice Gambin) gie esebit fit-28 ta' Gunju 1976 (*fol*. 37 tal-process);

Illi, l-konvenuti pprezentaw nota ta' eccezzjonijiet taghhom, fis-26 ta' Novembru, 1974 fejn ma qajmu l-ebda oggezzjoni dwar l-ewwel tliet talbiet tal-atturi izda opponew ghar-raba' talba attrici bhala wahda bla bazi fil-fatt u fid-dritt u dana peress li ma kien hemm l-ebda simulazzjoni ta' kuntratt;

Illi, fil-mori tal-kawza l-konvenut Lawrence Rodo miet, u permezz ta' rikors iddatat id-9 ta' Lulju 1980 (*fol*. 92 tal-process) gie mitlub li l-esponenti jigu trasfuzi fil-gudizzju;

Illi, b'sentenza ppronuncjata fl-14 ta' Marzu 2007, fl-ismijiet Carmelo u Francesca mart Giuseppe Pulis, ahwa Grech vs Filomena mart Lawrence Rodo u Giuseppi ahwa Grech, u Lawrence Rodo u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 1980 l-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Carmen mart Lawrence Grima, Mario, Joan xebba u Margaret xebba ahwa Rodo, peress li fil-mori tal-kawza miet Lawrence Rodo, Citaz Nru: 1024/1974 FS, l-Onorabbli Qorti laqghet ir-raba' talba attrici ghal dak li kien jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' simulazzjoni ta' kuntratt u cahdet l-eccezzjoni tal-konvenuti mqajma fl-istess rigward;

Illi, b'sentenza tas-16 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet Carmelo u Francesca mart Giuseppe Pulis, ahwa Grech vs Filomena mart Lawrence Rodo u Giuseppi ahwa Grech u Lawrence Rodo u b'digriet tal-10 ta' Lulju 1980 l-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Carmen mart Lawrence Grima, Mario, Joan xebba u Margaret xebba ahwa Rodo, peress li fil-mori tal-kawza miet Lawrence Rodo, Citaz Nru: 1024/1974 FS, l-Onorabbli Qorti affermat li r-raba' talba tal-konvenuti

kienet giet michuda permezz tas-sentenza suriferita, laqghet it-tlet talbiet attrici u wkoll dan *stante* li l-konvenuti ma kienux opponew, u ddisponiet mill-assi socjali konjugali skond it-testmenti bid-dritt tal-akkrexximent bejn l-erba' eredi ghal dak li jifdal u spejjez ta' segregazzjoni tal-fondi li jinqasmu bejn il-konvenuti;

Illi, kemm-il-darba hekk trasfuzi l-esponenti ahwa Grech, ma jirrizulta minn imkien fl-atti li l-esponenti gew innotifikati bl-atti tal-kawza, li qatt xi darba gew imsejhin biex jippartecipaw fil-kawza u lanqas li kellhom avukat jippatrocinhom u dan *ai termini* tal-Art. 81 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi, l-esponenti *inoltre* jiddikjaraw li l-Avukat Dott. R. Rossignaud ma huwiex l-avukat taghhom, qatt ma tawh istruzzjonijiet u lanqas qatt ma kellmuh jew xort' ohra, ikkomunika maghhom dwar il-kaz;

Illi, fil-fatt ma kienu jafu xejn b'din il-kawza u saru jafu bl-esitu taghha b'vera koincidenza, u dan recentement hafna, meta wahda mill-esponenti, fit-30 ta' Marzu 2008, Margaret Muscat nee' Rodo kienet qieghda taghmel *search* fuq l-*internet* permez tas-*search engine* li jgib l-isem *Google*, u meta dahhlet isimha b'kunjoma xebba (Rodo) telghet is-sentenza tal-kawza, li permezz ta' dan ir-rikors qieghda ssir ir-ritrattazzjoni, fatt dan li ser jigi kkontestat waqt l-andament ta' din il-kawza;

Illi, li kieku l-esponenti kienu jafu b'din il-kawza u sahansitra l-esitu taghha, il-mertu ta' din ir-ritrattazzjoni kienu jinterponuh permezz ta' appell u mhux ihallu dan iz-zmien kollu jghaddi qabel ma jiehdu azzjoni – u dan ghax il-motivazzjonijiet li ser jifformaw parti minn din ir-ritrattazzjoni facilment setghu jitqajmu fl-istadju ta' appell, waqt il-perjodu perentorju legali, minghajr il-htiega li jehlu l-ispejjez konsiderevoli li qed ikollhom jaffrontaw sabiex jindirizzaw dak li jhossu huwa ingustizzja li saritilhom, b'dan il-mezz straordinarju;

Illi, mill-ewwel fittxew l-esponenti jirrikorru ghand l-Avukat sottofirmat tal-fiducja taghhom sabiex jeducu ruhhom mill-

fatispeci tal-kaz li ghalhekk iddirigihom sabiex jaghmlu din il-kawza;

Illi, l-atturi, permezz tac-Citazzjoni taghhom ippremettew li kien hemm simulazzjoni ta' kuntratt li sar bejn il-konvenuti Rodo u l-missier Grazio Grech. Dan il-punt qatt ma rnexxielhom jippruvawh, tant li z-zewg periti legali Joseph Ciappara u Paul Gauci Maistre, jikkonkordaw li l-atturi ma rnexxielhomx jaghmlu dak li proprju kien jinkombi [*vide* Relazzjoni Dr. J. Ciappara pagna 6 para. 12 (*fol*. 53 tal-process) u Risposti ta' Dr. Paul Gauci Maistre in eskussjoni pagna 1 para. E (*fol*. 296 tal-process)];

Illi, fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom ipprezentata kmieni hafna fil-kawza, l-atturi jghidu kontestwalment, li *"…l-kuntratt ma jsemmix servigi, jsemi self. U self skond il-konvenut Rodo stess ex admisis u b'mod specifiku ma kienx hem. Is-simulazzjoni hi ghalhekk amessa."* Din hija asserzjoni ghall-ahhar fallaci u li l-importanza ta' tali ser titqajjem aktar 'il quddiem;

Illi, l-kuntratt ta' trasferiment *datio in solutum*, li referenza saret ghaliha aktar fuq f'dan ir-rikors, u li tifforma l-qofol tal-kawza kollha [*vide* Relazzjoni Dr. J. Ciappara pagna 8 para. 19 (fol. 55 tal-process) u s-sentenza tal-<u>14 ta' Marzu,</u> *2007* pagna 18 para. E. – Konkluzjonijiet], jghid specifikament li Grazio Grech "… jikkostitwixxi ruhu veru cert u likwidu debitur …[…]…fis-somma ta' elfejn u mitejn lira (£2200) <u>minhabba kuri, asistenza u servigi u alimenti lilu resi</u> (enfasi tal-esponent) mill-komparenti Lawrence u Filomena Rodo…", a favur il-konvenuti Rodo [*vide* DOK. 'A'];

Illi, fis-sentenza taghha tal-14 ta' Marzu, 2007, l-Onorabbli Qorti, qalet ghal aktar minn darba li l-kuntratt kien wiehed ta' self, u dan sija fil-parti tal-evalwazzjoni tal-provi, fejn *inter alia* l-Qorti iddikjarat li "…<u>il-kuntratt ma semmiex servigi izda self, meta fil-fatt self ma kienx hemm skond l-istes konvenut Rodo</u>." (enfasi tal-esponent) [*vide* pagna 8, 20 linja minn fuq] u kif ukoll fil-parti decisiva tas-sentenza, fejn il-Qorti tidher li kienet lesta li takkorda t-talbiet tal-konvenuti u tichad dawk tal-atturi kemm il-darba

l-kuntratt kien wiehed ghal servigi. "…izda fil-fatt il-kuntratt ma jghidx dan u jghid affarijiet li qatt ma ezistew." [*vide* pagna 19, 5 linja minn isfel] (enfasi tal-esponent);

Illi, umilment l-esponenti jissottomettu li jidher li l-Onorabbli Qorti strahet bis fuq il-kontenut tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi u ma qratx il-kuntratt *de quo* li proprju kien il-pern li jholl u jorbot kollox;

Ghalhekk, fis-sentenza tal-14 ta' Marzu, 2007 din l-Onorabbli Qorti ippronunzjat sentenza b'effett ta' zball facilment kostatibbli mill-atti jew id-dokumenti tal-kawza u dan minhabba s-suppozizzjoni li ma jezistix fatt li l-verita' taghha giet pozitivament stabbilita u fejn liema fatt qatt ma kien punt ikkontestat deciz bis-sentenza u dan kollu *ai termini* tal-Art. 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghalhekk, l-esponenti, permezz ta' rikors ta' ritrattazzjoni pprezentat kontestwalment mal-istanti, qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, (1) thassar is-sentenza moghtija fl-14 ta' Marzu 2007 fl-ismijjiet Carmelo u Francesca mart Giusepe Pulis, ahwa Grech vs Filomena mart Lawrence Rodo u Giuseppi ahwa Grech, u Lawrence Rodo u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 1980 l-gudizju gie trasfuz fil-persuna ta' Carmen mart Lawrence Grima, Mario, Joan xebba u Margaret xeba ahwa Rodo, peress li fil-mori tal-kawza miet Lawrence Rodo, Citaz. Nru. 1024/1974FS minhabba li nghatat bi ksur tal-Art. 81 (b) u (l) tal-kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u (2) tordna s-smigh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet premessi skond il-Ligi.

Illi, s-sentenza finali, tas-16 ta' Jannar, 2008 fl-ismijiet Carmelo u Francesca mart Giusepe Pulis, ahwa Grech vs Filomena mart Lawrence Rodo u Giuseppi ahwa Grech, u Lawrence Rodo u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 1980 l-gudizju gie trasfuz fil-persuna ta' Carmen mart Lawrence Grima, Mario, Joan xebba u Margaret xeba ahwa Rodo, peress li fil-mori tal-kawza miet Lawrence Rodo, Citazz. Nru. 1024/1974FS, moghtija mill-Qorti Civili Prim'Awla, hija bbazata fuq is-sentenza preliminary fuq indikata u allura hija wkoll ibbazata fuq l-istess zball fuq imsemmi, li jidher mill-atti tal-kawza;

Illi, ghalhekk, l-esponenti, filwaqt li jaghtu l-garanzija skond il-ligi, qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) Thassar is-sentenza moghtija fis-16 ta' Jannar, 2008 fl-ismijiet Carmelo u Francesca mart Giusepe Pulis, ahwa Grech vs Filomena mart Lawrence Rodo u Giuseppi ahwa Grech, u Lawrence Rodo u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 1980 l-gudizju gie trasfuz fil-persuna ta' Carmen mart Lawrence Grima, Mario, Joan xebba u Margaret xeba ahwa Rodo, peress li fil-mori tal-kawza miet Lawrence Rodo, Citazz. Nru. 1024/1974FS minhabba li nghatat bi ksur tal-Art. 81(b) u (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

(2) Tordna s-smigh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet premessi skond il-Ligi.

Bl-ispejjez u b'ingunzjoni tar-ritrattati ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Carmelo Grech et (*fol*. 16 *et seq*) li tghid hekk:-

"1. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju, l-azzjoni tal-esponenti hija rrita u nulla *stante* li r-rikorrenti ma ndikawx wiehed wiehed il-kapi tas-sentenza li jridu jattakaw , u dan kif jitlob l-Artiklu 816 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi *inoltre* u preliminarjament ukoll l-esponenti jissotomettu, minghajr pregudizzju, li r-rikorrenti ritrattanti qeghdin jippruvaw jevalwixxu ruhhom minn l-istitut ta' ritrattazzjoni, meta fil-verita` huma setghu facilment iressqu t-talbiet taghhom fi stadju ta appell. Illi kif gie enfasizzat ta' spiss mill-Qrati taghna dan l-istitut m'ghandu qatt iservi ta' skuza biex jinholoq appell iehor u fir-ritrattazzjoni ma jistghux jintuzaw mezzi godda ta difiza mhux uzati fil–proceduri originali. Jirrizulta li r-rikorrenti ma kinux intavolaw appell mis-sentenza finali. Barra minn hekk lanqas ma huwa minnu, li kien wara li ghalaq iz-zmien ta' l-appell, li huma kienu saru jafu bil-proceduri in

kwistjoni, u dan kif ser jintwera tajjeb f'din ir-risposta. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ritrattanti ghandhom jigu michuda, bi spejjez doppji u dan ghaliex it-talbiet maghmula mir-ritrattanti huma ghal kollox frivoli u vessatorji;

3. Illi preminarjament, u minghajr pregudizzju ghal dak kollu fuq suespost, jinghad illi l-esponenti ma setghux f'dan l-istadju jissollevaw talba ghal rittrattazzjoni fuq ir-raguni kontemplata f'Artikolu 811 (l) li tirrigwarda sentenza li kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza, u dan ghaliex Artikolu 818 (1) jghid specifikatament f'paragrafu (d) illi t-terminu tat-tliet (3) xhur li fih tista' issir it-talba ghar-ritrattazzjoni fil-kazijiet li ma humiex imsemmija espressament fl-istess subartiklou, jibda jiddekorri minn dakinhar tas-sentenza attakkata, liema sentenza nghatat fis-sittax ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (16/01/08), u ghaldaqstant it-tliet xhur kien diga' ghaddew meta gie ntavolat dan ir-rikors fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008). Illi fi kwalunkwe kaz, ma kien hemm l-ebda zball kif allegat mir-rikorrenti ritrattandi, u l-allegazzjoni tal-istess li din l-Onorabbli Qorti diversament ma kinetx qrat il-kuntratt in kwistjoni, hija ghal kollox esagerata, skorretta u infattwali;

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti jirrilevaw illi r-rikorrenti ritrattanti lanqas ma setghu jaghmu talba ghar-ritrattazzjoni *ai termini* tal-Artiklu 811 (b), u dan ghaliex l-istess artikolu hawn citat jitkellem specifikatament dwar rikors guramentat li ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa. Illi ghaldaqstant dan ma japplikax ghall-kaz ta' trasfuzjoni ta' gudizzju, kif qeghdin jippremettu r-rikorrenti, aktar u aktar meta kienu l-istess rikorerrenti li talbu permezz ta' rikors li l-proceduri jigu trasfuzi f'isimhom;

5. Illi fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghal dak suespost jinghad illi *se mai*, anki li kieku kellha tapplika d-disposizzjoni fuq citata ghal kaz odjen, xorta ma tapplikax it-tieni parti tal-istess disposizzjoni tal-Artikolu 811(b) li tispecifika, li anki jekk il-parti telliefa ma tkunx giet notifikata, din il-parti ma tridx tkun dehret fis-smiegh tal-

kawza, li ma huwiex il-kaz. Issa l-intimati jissottomettu, li huwa ghal kollox inveritier illi r-rikorrenti rittrattanti ma kinux jafu bil-proceduri in kwistjoni, u li ma kellhomx l-avukat ta' fiducja taghhom jippatrocinahom u li huma qatt ma kkomunikaw mal-istess. Illi primarjament, it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem ir-rikorrenti rittrattanti kien sar minnhom stess, u dan bhalma jirrizulta mill-atti tal-kawza (*a fol.* 92 tal–process) li minnha qieghda tintalab ir-ritrattazzjoni. Illi l-istess rittrattanti kienu ppatrocinati mill-Avukat Ramon Rossignaud, u dan kif jidher min-numru ta' verbali tal-istess process. Illi fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) (*a fol.* 111 tal-process), l-Avukat citat kien informa l-Qorti li c-cavetta tal-fond li jrid jigi spezzjonat minn dejjem kienet f'idejn il-konvenut Giuseppe Grech u li l-klijenti tieghu qatt ma kellhom cavetta, fatt li jindika bic-car li kien hemm komunikazzjoni bejn ir-ritrattanti u l-Avukat taghhom. Illi jigi rilevat ukoll lli l-perit tekniku Lawrence Montebello kien acceda fuq il-post erba' (4) darbiet u kull darba huwa kien informa lill-partijiet b'ittra u dan bhalma jidher *a fol.* 114 tal-process. Illi *in oltre* l-esponenti ritrattati jissottomettu wkoll li r-rikorrenti Filomena Rodo kienet sahansitra xehdet fil-proceduri in kwistjoni, fl-erbgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (24/06/1992), jigifieri tnax-il sena wara t-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem l-istess ritrattanti, u dan wara li hija giet notifikata bit-tahrika personalment, u dan kif jidher mill-istess process (*a fol.* 217/218 tal-process). Illi jigi rilevat ukoll li l-istess rikorrenti ritrattanti kienu anki prezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet (*a fol.* 240/241) taghhom ghan-nota ta' kritika tal-esponenti ghal-konkluzzjonijiet peritali, liema nota kienet giet prezentata fit tlieta u ghoxrin ta Mejju tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (23/05/1995). Illi ghaldaqstant hija ghal kollox inveritiera l-allegazzjoni tar-rikorrenti ritrattanti li huma ma kienux jafu bil-proceduri in kwistjoni;

6. Illi fis-sitt lok, peress li r-rikorrenti qedghin jintavolaw kawza ta' rittrattazzjoni, l-okkju tal-kawza kellu jibqa' l-istess u ma kellux jigi citat b'mod invers;

7. Illi kemm il darba din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-eccezzjonijiet preliminari u tkompli tisma' l-mertu tal-kawza odjerna, l-esponenti umilment jirrilevaw li peress illi l-mertu tal-kawza odjerna ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza finali tas-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008), u l-mertu tal-kawza ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza parzjali tal-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007), (Rik. Nru. 504/2008 AL) huwa wiehed, iz-zewg kawzi ghandhom jinstemghu konguntivament minn din il-Qorti kif presjeduta;

8. Illi ghar-ragunijiet suesposti huwa car li l-kawza tar-rikorrenti hija frivola u vessatorja ghall-ahhar u ghaldaqstant l-intimati jirrespingu t-talbiet tar-rikorrenti, illi huma kollha esagerati, infattwali u prevja ebda sens ta' verita`, bl-ispejjez konta taghhom.

Salv ragunijiet ulterjuri."

Rat li r-rikorrenti, fil-kors tal-procedura minnhom intavolata, ma pproducewx bhala prova kopja legali tas-sentenza li fit-talba taghhom stess qed jittentaw li jimpunjaw. B'hekk ir-rikorrenti qed jitolbu minn din il-Qorti provvediment, u mhux provvediment kwalunkwe, dwar sentenza li ma taghmilx parti mill-atti.

Rat li r-rikorrenti, li *del resto* fuqhom kien jinkombi l-piz tal-prova tar-ragunijiet taghhom, naqsu sahansitra li jitolbu li jigi allegat il-process tal-kawza *de qua*.

Rat id-dokumenti presentati mir-rikorrenti fosthom erba' affidavits (*fol*. 32 sa 38) tal-process.

Rat li wara l-mewt tal-intimata Francesca Saveria Pulis fil-mori ta' din il-kawza, Grace Zammit u ohrajn talbu li jassumu l-atti tal-kawza minflok l-istess ommhom Francesca Saveria Pulis, talba li kienet akkordata minn din il-Qorti (diversament presjeduta) b'digriet taghha tas-16 ta' Jannar 2009.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tar-rikorrenti presentata fit-23 ta’ Frar 2009.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Frar 2009 fejn din il-Qorti pprovdiet li kienet qed thalli l-kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza u fid-dottrina li “ir-rimedju tar-ritrattazzjoni hu rimedju straordinarju, in kwantu jidderoga ghall-principju tal-irrevokabilita’ tal-gudikati; u ghalhekk ma jammettix interpretazzjoni estensiva”.

Fil-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdin jittentaw ritrattazzjoni ta’ sentenza ta’ Qorti ta’ l-Ewwel Grad, wara li naqsu li juzufruwixxu ruhhom mir-rimedju ordinarju tal-appell mis-sentenza li taghha qed jitolbu r-ritrattazzjoni.

Illi kif inghad, l-effikacja guridika u socjali tal-gudikat titlob li l-amministrazzjoni tal-gustizzja ma tigix imfixkla billi, fi kwalunkwe stadju u minghajr limiti, il-parti telliefa terga’ tqajjem il-kwistjoni u tiftahha.  Huwa ghalhekk, il-legislatur ried li jaghti espressament, b’mod tassattiv u f’dawn it-termini biss r-rimedju tar-ritrattazzjoni li bih biss sentenza tista’ tigi atakkata u mwaqqa’ wara li tkun saret gudikat. B’dan il-mod, jekk ghall-kaz partikolari ma japplikawx ir-rimedji eccezzjonali tal-istitut tar-ritrattazzjoni, m’hemm l-ebda mod kif titwaqqa’ sentenza li ghaddiet in gudikat. Minbarra dan, ilu zmien twil stabbilit il-principju li s-sahha tar-rabta ta’ sentenza li ghaddiet f’gudikat ma titwaqqax lanqas bir-rimedju tar-ritrattazzjoni fejn ma jintweriex li l-parti kienet imcahhda milli tiddefendi lilha nnifisha, ghall-kuntrarju ta’ fejn naqset li tiddefendi lilha nnifisha jew ma haditx dawk il-passi biex tizgura difiza xierqa;

Illi l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-7 ta’ Dicembru 1964 fil-kawza fl-ismijiet Benjamin Sultana vs Giuseppe Sammut qalet hekk:-

"Anqas il-fatt li ma jkunx sar l-apell m'hu fih innifsu raguni ta' eskluzjoni mir-ritrattazzjoni. Dak li mil-ligi tipprovdi hu biss illi, fil-kaz ta' talba ghar-ritrattazjoni ta' kawza deciza b'sentenza tal-Qorti ta' prim'istanza li tkun ghaddiet f'gudikat, jinhtieg illi l-parti li titlob ir-ritrattazzjoni tkun giet taf bil-fati li jaghtu lok ghalija wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-appell. Naturalment jekk il-parti li titlob ir-ritrattazzjoni kienet taf bil-fati li jaghtu lok ghaliha meta hi, kienet ghadha tista' utilment tinqeda bir-rimedju ordinarju ta' l-apell, hu sewwa li hi ma tkunx tista' tigi ammessa li tezercita r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni." (sottolinear ta' din il-Qorti)

Illi fil-fatt, l-Artikolu 812 tal-Kap. 12 jiddisponi illi: "Ir-ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza moghtija minn qorti ta' l-ewwel grad, u li ghaddiet f'gudikat, tista' tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun giet taf bil-fati illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell."

Ghalhekk, fil-kaz ta' decizjonijiet minn qorti ta' prim'istanza l-ligi ta' procedura tirrikjedi tassattivament xi haga ohra: *cioe'* li r-ritrattand jehtieglu jiddimostra u jissodisfa wkoll bhala pre-kondizzjoni sabiex it-talba tieghu tinghata widen illi hu sar jaf bil-fatti li jintitolawh iressaq it-talba ghar-ritrattazzjoni wara li kien skorra z-zmien ta' l-appell (ara wkoll Arthur Taliana et vs Godwin Falzon pro et noe u Saviour Cilia et vs Gasan Insurance Agency Limited noe li diga' saret referenza ghalihom – noti *in calce* nru. 2 u 3, *supra*; ara wkoll Vincent Azzopardi vs Blye Engineering Co. Ltd Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), 28 ta' Jannar 2004).

Fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Cardona vs Marija Scicluna, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili osservat hekk dwar dan l-Artikolu 812:

"Il-bazi ta' dan il-provvediment li jirregola l-istatut tar-ritrattazzjoni ssib l-ispirazzjoni taghha mill-principju kardinali li s-sistema gudizzjarju hu mibni fuq l-

opportunita’ ta’ appell wiehed minn sentenza ta’ l-ewwel grad u li ma hux permess hlief f’kazijiet eccezjonali li l-Qorti terga’ tikkunsidra dak li jkun b’mod jew iehor ghadda in gudikat u jaghmel stat bejn il-partijiet. Hu ghalhekk li gustament il-ligi tal-procedura biex tiffavorixxi l-istat ta’ certezza ta’ dritt tkompli targina u tillimita l-opportunita’ ta’ ritrattazzjoni ta’ kawzi decizi mill-Qorti ta’ l-ewwel grad ghall-kazijiet eccezzjonali kif provdut fl-Artikolu 812 fuq citat. Kazijiet li jezigu bhala rekwizit *sine qua non* illi l-parti tkun giet taf bil-fatt li mhabba fih tkun qed titlob ir-ritrattazzjoni wara li jkun ghalaq iz-zmien ta’ l-appell.”

Illi sabiex isostnu li ghandhom jedd jitolbu ritrattazzjoni skond l-Art. 811(b), ir-rikorrenti jallegaw li wara li saret it-trasfuzjoni tal-atti fil-persuna tar-rikorrent Carmen Grima, Mario Rodo, Joan Rodo u Margaret Rodo wara l-mewt ta’ missierhom Lawrence Rodo, ma kien jirrizulta minn imkien fl-atti li huma kienu gew notifikati bl-atti tal-kawza, li qatt xi darba gew imsejhin biex jippartecipaw fil-kawza u lanqas kellhom avukat jippatrocinhom.

Illi f’dan l-istadju din il-Qorti tosserva li t-talba ghal ritrattazzjoni qed issir mir-rikorrenti kollha nkluzi Filomena Rodo u Giuseppe Grech li kienu fil-kawza mill-bidu nett u baqghu fil-kawza sal-ahhar. Dawn iz-zewg rikorrenti partikolari ma jistghux certament jivvantaw ebda lment skond Art. 811(b) billi kienu kompartecipi bhala konvenuti fil-kawza wara n-notifika taghhom tal-eccezzjonijiet u r-rizultanti difiza taghhom li kienet saret.

Illi l-posizzjoni tar-rikorrenti ahwa Rodo wlied Lawrence Rodo hija differenti ghax l-involviment taghhom fil-kawza twieled bit-trasfuzjoni tal-gudizzju wara l-mewt ta’ Lawrence Rodo.

Illi t-trasfuzjoni tal-gudizzju ma ggibx maghha n-notifika tal-atti tal-kawza ghaliex bit-trasfuzjoni tal-gudizzju r-rikorrenti ahwa Rodo dahlu fil-“libsa” li kellu Lawrence Rodo bhala konvenut fil-kawza u komplew il-kawza huma fil-vesti ta’ konvenuti floku. Wara d-digriet tal-10 ta’ Lulju 1980, kien jispetta lilhom li jiehdu nteress fil-kawza u jassikuraw li jippartecipaw attivament fit-trattazzjoni

taghha. Daqstant iehor kien jispetta lilhom l-oneri li jassikuraw li jkollhom avukat li jikkura l-interess taghhom.

Illi fil-kuntest tal-premess, ir-rikorrenti ressqu l-provi segwenti permezz tal-erba' affidavits *a fol*. 33 sa 38 tal-process. Skond Mario Rodo, sal-gurnata f'Marzu 2008, meta l-Av. Etienne Calleja qralu s-sentenza li kien ircieva hu ma kienx jaf li kien involut f'kawza li s-sentenza fiha qed jintalab li tkun impnjata. Lill-Av. Ramon Rossignaud ma kienx jafu u ma kien tah l-ebda struzzjonijiet sabiex idahhal lilu fil-kawza wara l-mewt ta' missieru. Fil-fatt in segwitu huwa kien kellem lill-Av. Rossignaud li min-naha fissirlu li kien dahhal lilu u lil hutu fil-kawza wara l-mewt ta' missierhom. Fil-kawza in kwistjoni, huwa qatt ma nghata cans li jsemma' lehnu.

Skond Margaret Muscat, hija saret taf bis-sentenza fit-30 ta' Marzu 2008 b'kumbinazzjoni waqt li kienet qed taghmel ricerka fl-*internet* u ghamlet kopja taghha. Qalet li dwar il-kawza ma kienet taf xejn. Fil-fatt hija marret flimkien ma' hutha l-ohra ghand l-Av. Etiene Calleja. Kien minghand dan l-avukat li saret taf x'kienet tinvolvi dik il-kawza. Lill-Av. Ramon Rossignaud qatt ma kellmitu u lanqas taghtu xi struzzjonijiet. Meta dan l-avukat dahhal lilha fil-kawza hija kellha sittax-il sena. Carmela Dolores Grima u Joan Caruana sostanzjalment kkorraboraw dak li xehdu huthom Mario Rodo u Margaret Muscat.

Illi f'dan il-kuntest il-posizzjoni tal-intimati tirrizulta fit-twegiba taghhom ghar-rikors tar-ritrattazzjoni li *inter alia* tghid hekk:-

"5. Illi fil-hames lok, (*omissis*) l-intimati jissottomettu, li huwa ghal kollox inveritier illi r-rikorrenti ritrattandi ma kienux jafu bil-proceduri in kwistjoni, u li ma kellhomx l-avukat ta' fiducja taghhom jippatrocinahom u li huma qatt ma kkomunikaw mal-istess. Illi primarjament, it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem ir-rikorrenti ritrattandi kien sar minnhom stess, u dan bhalma jirrizulta mill-atti tal-kawza (*a fol*. 92 tal-process) li minnha qieghda tintalab ir-ritrattazzjoni. Illi l-istess rikorrenti kienu ppatrocinati mill-Avukat Ramon Rossiganud, u dan kif jidher minn numru ta' verbali tal-

istess process. Illi fis-seduta tat-tnejn (2) ta’ Frar tas-sena elf disa’ mija u tnejn u tmenin (1982) (*a fol*. 111 tal-process), l-Avukat citat kien informa l-Qorti li c-cavetta tal-fond li jrid jigi spezzjonat minn dejjem kienet f’idejn il-konvenut Giuseppe Grech u li l-klijenti tieghu qatt ma kellhom cavetta, fatt li jindika bic-car li kien hemm komunikazzjoni bejn ir-ritrattanti u l-avukat taghhhom. Illi jigi rilevat ukoll li l-perit tekniku Lawrence Montebello kien acceda fuq il-post erba’ (4) darbiet u kull darba hu kien informa lill-partijiet b’ittra u dan bhalma jidher a *fol*. 114 tal-process. Illi *in oltre* l-esponenti ritrattati jissottomettu wkoll li r-rikorrenti Filomena Rodo kienet sahansitra xehdet fil-proceduri in kwsitjoni, fl-24 ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija u tnejn u disghin (24/06/1992) jigifieri tnax il-sena wara t-trasfuzjoni tal-guduzzju f’isem l-istess ritrattanti, u dan wara li hija giet notifikata bit-tahrika personalment, u dan kien jidher mill-istess process (*a fol*. 217/218 tal-process). Illi jigi rilevat ukoll li l-istess rikorrenti ritrattandi kienu anki presentaw in-noti ta’ osservazzjonijiet (*a fol.* 240/241) taghhom ghan-nota ta’ kritika tal-esponenti ghall-konkluzjonijiet peritali, liema nota kienet giet presentata fit-tlieta u ghoxrin ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija u hamsa u disghin (23/05/1995). Illi ghaldaqstant hija ghal kollox inveritiera l-allegazzjoni tar-rikorrenti ritrattanti li huma ma kienux jafu bil-proceduri in kwistjoni.”

Illi r-rikorrenti ritrattandi kellhom kull opportunita’ li jressqu bhala xhud lill-Av. Ramon Rossignaud sabiex isostn l-posizzjoni taghhom izda dan ma ghamluhx. Ghalkemm din il-Qorti ma setghetx tiehu konjizzjoni tal-atti tal-kawza li s-sentenza finali taghha qed tintalab li tkun impunjata f’dawn il-proceduri, ghat-twegiba tal-intimati ritrattati, ir-rikorrenti ritrattandi wiegbu biss bl-istqarrija taghhom li huma ma taw l-ebda struzzjonijiet lill-Av. Ramon Rossiganud u lanqas qatt kellmuh. L-istess rikorrenti setghu ressqu bhala xhud taghhom lil ommhom Filomena Rodo dwar il-kwistjoni tal-involviment *o meno* taghhom fil-kawza (li ssemmiet specifikament fir-risposta tal-intimati ritrattati) izda naqsu li jaghmlu dan.

Illi mhux kontestat li l-atti li ppresenta l-Av. Ramon Rossiganud kienu f'isem ir-rikorrenti ritrattandi (inkluza Filomena Rodo) u li l-istess avukat baqa' jsegwi l-kawza sal-ahhar sahansitra bil-presentata ta' nota ta' sottomissjonijiet.

Illi fil-kors tal-kawza, l-avukat huwa meqjus bhala mandatarju tal-parti u jagixxi ghan-nom taghha. Jekk jonqos b'xi mod lejn il-mandanti tieghu, jew addirittura (kif qed jigi allegat f'din il-kawza) ma kellu ebda mandat ta' xejn, allura dik hija kwistjoni interna bejn l-avukat u l-klijenti tieghu (mandanti jew presunti) li ma tistax tincidi fuq ir-regolarita' tal-procedura fil-kawza. Altrimenti hadd (inkluz il-Qorti) ma jkun jaf fejn hu meta f'kawza jsib ruhu rinfaccat minn avukat li jiddikjara mhux biss bil-fomm izda anke bil-miktub li qed jagixxi b'inkarigu tal-assistiti tieghu.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma hi sodisfatta xejn bil-pretensjoni tar-rikorrenti ritrattandi ghax mhux accettabbli ghal din il-Qorti u tqis bhala in verosimili l-allegazzjoni li min-naha wahda t-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem ir-rikorrenti ritrattandi ssehh permezz ta' digriet tal-10 ta' Lulju 1988 u r-rikorrenti jistqarru li ghal ftit xhur inqas minn tmienja u ghoxrin (28) sena ma kienux jafu li kienu nvoluti f'kawza u dan meta rrizulta li huma zammew kuntatt regolari almenu ma' ommhom Filomena Rodo li sahansitra xehdet fil-kawza, u li allura certament ma tistax titwemmen jekk tghid li lanqas hi ma kienet taf bil-kawza.

Illi fuq il-fatti ma jirrizultax li kien hemm cirkostanzi oggettivi li setghu jipprekludu lir-rikorrenti milli jinterponu appell formali u fiz-zmien statutorjament utili. Ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li r-rikorrenti naqsu li jissodisfaw il-pregudizzjali jew prekondizzjoni stabbilita mil-ligi li huma saru jafu bil-fatti li fuqhom qed jibbazaw it-talba ghar-ritrattazzjoni wara li s-sentenza *de quo* kienet ghaddiet in gudikat. Isegwi wkoll li r-rikorrenti certament ma jistghux jippretendu li ghall-inerzja taghhom jigu premjati bir-rimedju tar-ritrattazzjoni. Proprju ghaliex dan ir-rimedju huwa straordinarju mhux miftuh ghal min jonqos fid-difiza tieghu jew ihalli l-kawza tigi deciza u t-terminu

tal-appell jiddekorri biex imbaghad jittenta jirrikorri ghar-rimedju tar-ritrattazzjoni.

Illi in kwantu ghall-ilment tar-rikorrenti abbazi tal-Art. 811 (l) tal-Kap. 12, huma jghidu li s-sentenza parzjali tal-14 ta' Marzu 2007 li kienet wara segwita mis-sentenza finali tas-16 ta' Jannar 2008 kienet pronunzjata "b'effett ta' zball facilment kostatabbli mill-atti jew id-dokumenti tal-kawza u dan minhabba supposizzjoni li ma jezistux fatt li l-verita' taghha giet pozittivament stabbilita u fejn liema fatt ma kienx punt ikkontesta deciz bis-sentenza" (*fol*. 4).

Illi fil-premessi tal-kawza li s-sentenza taghha r-rikorrenti qed jittentaw li jimpunjaw, l-intimati kienu qalu *inter alia* li t-testatur Grazio Grech kien trasferixxa l-fond 125, Triq Santa Domenica, Zabbar, b*'datio in solutu m* u bil-valur ta' elf u mitejn Lira (Lm1,200) lir-rikorrenti u kien irrenda b'dan il-mod ineffettiv it-testmenti li kien ghamel *in kwantu* kien fihom legati tal-istess dar, kif ukoll li l-kuntratt innifsu kien simulat. Fost it-talbiet taghhom, huma talbu li meta ssir il-likwidazzjoni tal-assi partikolari tal-imsemmi Grazio Grech il-fond 125, Triq Santa Domenica, Zabbar, kellu jibqa' jaghmel parti minn dawk l-assi peress li l-kuntratt kien simulat billi attwalment kien donazzjoni li fic-cirkostanzi tat-testatur kienet projbita bil-ligi minhabba l-eta' tieghu. Fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza kien mahtur perit gudizzjarju li kkonkluda li ghalkemm bejn it-testatur u r-rikorrenti odjerni ma kienx sar self ta' flus, fir-realta' t-testatur kien debitur taghhom ghas-servigi li rrendewlu u ghalhekk ghad li ma kienx hemm self, simulazzjoni ma kienx hemm lanqas, ghaliex debitu tat-testatur versu r-rikorrenti xorta wahda kien hemm.

Illi fis-sentenza taghha tal-14 ta' Jannar 2007, din il-Qorti diversament presjeduta qieset bhala zbaljata totalment l-evalwazzjoni li saret mill-perit gudizzjarju ghaliex ghalkemm apprezzat li t-testatur ried jikkumpensa lir-rokorrenti ghas-servigi li pprestawlu izda l-formula legali maghzula sabiex ikun rikonoxxut dak il-kumpens kienet difettuza ghall-ahhar *stante* li sar kuntratt li fil-fatt kien simulat anke ghaliex jghid affarijiet li qatt ma ezistew u *cioe'* li qatt ma kien hemm self. Ghalhekk il-Qorti ddikjarat

dak il-kuntratt bhala simulat u allura ma kellux jibqa' tar-rikorrenti izda kellu jirreverti ghall-assi partikolari tat-testatur.

Illi jkun hemm zball ta' fatt kif kontemplat fl-Artikolu 811(l) tal-kap. 12, "…fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq supposizzjonijiet ta' xi fatt li fil-verita' tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat li jkun gie deciz bis-sentenza". Ir-rikorrenti qed jghidu li l-Qorti ddecidiet bi zball ghax ma qratx il-kuntratt tat-18 ta' Jannar 1970 li kien il-pern li jholl u jorbot kollox, u strahet biss fuq il-kontenut tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-intimati ritrattati.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Ottubru, 1996 fil-kawza fl-ismijiet Charles Farrugia et noe vs Benny Schembri (u dan fuq l-iskorta ta' sentenzi ohra u ta' awturi) biex ikun hemm l-izball ravvizat fil-paragrafu (l) tal-Art. 811 hu mehtieg li:

"i. L-izball […] ikun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;

ii. L-izball irid jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza u ghalhekk hija inassolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball […];

iii. Illi l-istess zball ikun manifest, tali *cioe'* li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament minn semplici inavvertenza tal-gudikant […]".

*Inoltre*, il-kelma "ibbazata", fl-espressjoni wzata mill-legislatur "… *d-decizjoni tkun ibbazata fuq supposizzjonijiet ta' xi fatt* …" necessarjament tfisser li dak l-izball ikun iddetermina d-decizjoni mpunjata, *ossia* jkun zball decisiv, b'tali mod li s-sentenza "ivvizzjata" b'dak l-

izball ma tkunx tista' tigi sanata minn xi ragunamenti ohra indipendenti minn dik zbaljata.

Hekk, per ezempju, fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Gunju, 1954 fl-ismijiet Gaetano Mifsud vs Gaetano Zahra (li ghaliha hemm referenza wkoll, ghalkemm b'data zbaljata – 1194 flok 1954, fis-sentenza Farrugia vs Schembri, supra) jinghad awtorevolment illi jehtieg "Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza,; u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizzjata minn zball ta' fatt manifest tkun tista' tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata."

Illi fil-kaz in esami, din il-Qorti ma tarax "zball" fid-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fit-termini tal-Art. 811 (l) tal-Kap. 12. Dak li l-Qorti ghamlet kien apprezzament tal-provi li kellha quddiemha inkluz tal-kuntratt *de quo* u r-relazzjoni tal-perit gudizzjarju. Il-Qorti kellha kull dritt tizen u tinterpreta l-fatti li hargu mill-provi diversament milli ghamel il-perit gudizzjarju. Il-fatt li kkonkludiet diversament mill-apprezzament li sar mill-perit gudizzjarju ma jirrendux id-decizjoni tal-Qorti bhala naxxenti minn zball ta' fatt. Ir-rimedju li kellhom ir-rikorrenti ma kenitx ir-ritrattazzjoni izda l-appell mid-decizjoni tal-Qorti, li ma ghamlux. Ghalhekk din il-Qorti tiddeciedi li ma kienx hemm zball fis-sens tal-Art. 811 (l) tal-Kap. 12.

Illi l-ewwel (1) u s-sitt (6) eccezzjonijiet kontenuti fi-risposta tal-intimati jincidu fuq il-forma tal-azzjoni tar-rikorrenti mhux fuq is-sustanza taghha u ghalhekk ma jwasslux ghan-nullita` tal-istanza.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qieghda tiddeciedi l-kawza billi:**

**1. Tichad l-ewwel (1) u s-sitt (6) eccezzjonijiet tal-intimati ritrattati.**

**2. Tilqa’ l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati ritrattati.**

**3. Tichad it-talbiet tar-rikorrenti ritrattandi.**

**4. Tordna li l-ispejjez ta’ dina l-istanza jithallsu fl-*intier* taghhom mir-rikorrenti ritrattandi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------